A.L. 80 ta' l-2000

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tas-Sena 2000 għall-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil. - fl-Istitut għar-Riċerka fil-Ġebla u l-Bini

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Istitut għar-Riċerka fil-Ġebla u l-Bini bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titlu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu l-Ordinamenti tas-Sena 2000 għall-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil. - fl-Istitut għar-Riċerka fil-Ġebla u l-Bini.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord ta' l-Istitut għar-Riċerka fil-Ġebla u l-Bini;

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil.; u

"l-Istitut" ifisser l-Istitut għar-Riċerka fil-Ġebla u l-Bini.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 1994 'il quddiem.

Rekwiżiti għad-Dħul

3. Biex jirreġistraw għall-Grad, il-kandidati għandhom ikollhom grad bl-Unuri b'mhux anqas mit-Tieni Klassi (Taqsima Superjuri) f'qasam li għandu x'jaqsam mal-ġebla u oqsma tal-bini relatati. Il-gradi meqjusa xierqa għandhom normalment ikunu l-Bachelor of Engineering and Architecture (Honours), il-Bachelor of Engineering (Honours) u l-Bachelor of Science.

4. F'każijiet speċjali, il-Bord jista' jħalli applikanti li m'għandhomx il-kwalifiki speċifikati fl-ordinament 3 biex japplikaw. Dawn l-applikanti għandhom jipprovdu evidenza li huma laħqu l-livell ta' profiċjenza meħtieġ skond l-ordinament 3, partikolarment fil-qasam tar-riċerka propost u għandhom jinkludu rakkomandazzjoni minn membru ta' l-istaff akkademiku li qabel li jagħmilha ta' superviżur. Il-Bord jista', f'kull każ, jitlob rekwiżiti addizzjonali, inkluż li jittieħed eżami jew jittieħdu eżamijiet ta' kwalifikazzjoni.

5. Rigward kull applikazzjoni, id-Direttur ta' l-Istitut għandu jissottometti lill-Bord ir-rakkomandazzjoni tiegħu dwar kemm ir-riċerka proposta hija possibbli u dwar ir-riżorsi meħtieġa biex issir din ir-riċerka. Ir-rakkomandazzjoni għandha tinkludi referenza għall-persuna direttament responsabbli mill-faċilitajiet meħtieġa għar-riċerka.

Progress u Superviżjoni

6. L-istudenti għandhom ikunu meħtieġa jirreġistraw kull tnax-il xahar, fuq ir-rakkomandazzjoni bil-miktub tas-superviżur tagħhom.

7. Il-Bord għandu jinnomina superviżur jew aktar, jekk hemm bżonn minn barra l-Istitut iżda minn fost l-istaff akkademiku ta' l-Universita' ta' Malta, ħlief li l-Bord normalment ma jinnominax bħala superviżur lil xi ħadd li m'għandux kwalifiki akkademiċi ogħla minn Master of Philosophy.

Format u Preżentazzjoni tad-Dissertazzjoni

8. Id-dissertazzjoni normalment m'għandhiex tkun ta' anqas minn 35,000 kelma u m'għandhiex taqbeż l-40,000 kelma, li jeskludu l-appendiċijiet, il-biblijografiji, il-glossarji u l-*footnotes*.

9. L-istudenti huma meħtieġa jissottomettu tliet kopji tad-dissertazzjoni, jew ittajpjati jew ipprintjati, u llegati b'mod adegwat għall-għan ta' l-eżami orali. Huma meħtieġa jġibu r-raba' kopja tad-dissertazzjoni għall-eżami orali, illegata bl-istess mod u ppaġinata.

10. (a) Wara l-eżami orali, u wara li jiġu nkorporati l-emendi li jistgħu jintalbu mill-Bord ta' l-Eżaminaturi, l-istudenti għandhom jissottomettu żewġ kopji llegati b'qoxra iebsa ta' l-*art vellum* jew tad-drapp, ta' kulur *maroon* skur, bl-ittri tad-deheb fuq l-ispina li juru l-grad, id-data u l-isem ta' l-istudent, u fuq il-qoxra tal-faċċata t-titlu tad-dissertazzjoni. L-ittri jridu jkunu ta' qies ta' bejn it-12mm u t-30mm.

(b) It-test għandu jkun ittajpjat jew mitbugħ fuq karti A4, fuq naħa waħda biss, bi spazju doppju, u b'marġni ta' 40mm fuq in-naħa tax-xellug, u mill-anqas 20mm min-naħa ta' fuq, t'isfel u tal-lemin.

(ċ) Disinji, mapep u illustrazzjonijiet oħra, li huma akbar minn A4, għandhom jintwew sew għal qies A4 sabiex ikunu jistgħu jiġu llegati b'mod pulit fi ħdan id-dissertazzjoni.

(d) L-istudenti huma wkoll meħtieġa jippreżentaw sunt qasir tad-dissertazzjoni tagħhom ta' mhux aktar minn 500 kelma li għandu jkun illegat ma' kull kopja tad-dissertazzjoni sottomessa lill-Universita'. Waħda minn dawn il-kopji għandha titqiegħed fil-Biblijoteka ta' l-Universita' ta' Malta, u l-oħra fil-librerija ta' l-Istitut.